

# Kanonku Teżorier Dun Pawl Schembri Qassis mis-Siġġiewi imma Senglean bħalna

MINN FABIAN MANGION



Żmien il-Milied lkoll nistennewh b'ħerqa. Inqisuh bħala żmien ta' ferħ u għaqda. Inħossuna iktar qrib tal-familja u tal-ħbieb. Imma għall-familja Schembri tas-Siġġiewi, l-Avvent tas-sena 1940, għalkemm kien żmien ta' gwerra, kien ukoll żmien ta' stennija speċjali. Għadda Jum il-Milied u erbat ijiem wara, waslet it-tarbija li allura twieldet fid-29 ta' Diċembru 1940 fit-3.00 ta' waranofsinhar.

Kienet it-tieni wild għall-koppja Nikola u Angela mwielda Farrugia. Fil-31 ta' Diċembru, it-tarbija ttieħdet fil-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi biex fis tiġi mżejna bil-qawwa tas-sema mogħtija mis-sagrament tal-Magħmudija. Hemm, it-tarbija sabet jistenniha lil Kan. Dun Ġorġ Sciriha, saċerdot Senglean li sab refuġju fis-Siġġiewi, lest biex isawwab fuqha l-ilma mqaddes. Filwaqt li l-parrini fis-sagrament kienu Albertu Vassallo u martu Beatrice, it-tarbija ssemmiet Pawlu, Albertu, Arturu u Vitor.

Iċ-ċkejken Pawlu kien ġie mogħti s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi nhar it-13 ta' Novembru 1949.

Sa minn ċkunitu huwa trabba fost il-bdiewa u fix-xogħol mhux faċli li toffri l-art agrikola. Imma aktar ma beda jikber, Pawlu għaraf li l-Mulej kien qed isejjaħlu biex jaħdem mhux fl-art tal-ħamrija merfugħa għaż-żrigħ imma f'wesgħat oħra, fl-'għelieqi' tiegħu magħmula mill-bnedmin, biex 'iroddlu l-frott fi żmienu'.

Għaldaqstant, Pawlu wieġeb għal din is-sejħa u daħal is-Seminarju li dik il-ħabta kien il-Floriana u meta Dun Victor Grech kien ir-Rettur. Waqt il-kors tas-Seminarju, huwa ħa nteress kbir fil-qasam tax-xogħol, tant li fil-vaganzi tas-Sajf huwa għamel żmien jaħdem ġewwa fabbrika fl-Ingilterra u anke fit-Tarzna ta' Malta.

Mal-kors tal-istidji, u wara li rċieva l-formazzjoni spiritwali u pastorali neċessarja, huwa ħa l-Ordnijiet Minuri u Maġġuri sabiex, imbagħad, huwa resaq f'riġlejn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi biex jirċievi l-Ordinazzjoni sagra. Id-Djaknu Pawlu Schembri ġie ordnat saċerdot, flimkien ma' 27 oħra, nhar id-19 ta' Marzu 1972 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Huwa għamel l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-knisja arċipretali tas-Siġġiewi fil-15 ta' Lulju 1972.

Jista' jingħad li Dun Pawl rabat ismu mal-Isla sa minn meta kien għadu Djaknu. Fil-fatt, fix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 1971 huwa ġie mibgħut mis-Superjuri tiegħu fis-Seminarju biex jgħin pastoralment fil-parroċċa tal-Isla. Kienu xhur li fihom il-parroċċa kienet qed tħejji għall-festa ta' Marija Bambina u b'mod speċjali, għall-50 anniversarju tal-Inkurunazzjoni nhar l-4 ta' Settembru.

Wara li sar qassis, huwa ġie assenjat biex ikun il-viċi-parroku tal-Isla li kellha lill-Kanonku Dun Ġwann Sladden bħala Arċipriet. Bħala

viċi huwa kien ikun fl-Uffiċċju Parrokkjali kważi kuljum u kien ukoll iqarben lill-morda kuljum minbarra l-Ħamis, li kienet il-ġurnata li fiha ma jiġix l-Isla. Huwa kien normalment iqaddes il-quddiesa tas-6 ta' filgħaxija. Għamel ukoll żmien Assistent Ekkleżjastiku tal-Fergħat Ġuvintur u Rġiel tal-Azzjoni Kattolika. Ma jistgħax jonqos li Dun Pawl, bniedem li kellu l-isports ħafna għal qalbu, ma jkunx midħla sewwa tal-klabb tas-Senglea Athletics. Saħansitra, għal sentejn, kien ukoll coach tal-Minors. Ma kienx ikun hemm logħba li meta tilgħab l-Isla ma kienx ikun fost is-supporters!

F'Novembru 1980 ħarġet l-aħbar li Mons. Arċisqof kien ħatar lil Dun Pawl Schembri bħala Kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Kirkop. F'messaġġ ta' 'Tislima lis-Sengleani', Dun Pawl kiteb hekk: "Għaddew seba' snin u nofs meta ġejt fostkom fil-bidu tal-ħidma saċerdotali fil-parroċċa tagħkom. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar bdejt nintrabat magħkom. Qatt ma għaddieli minn moħħi li kelli nħallikom biex nissokta l-missjoni tiegħi ta' saċerdot f'parroċċa oħra. L-Isla kienet saret biċċa minni, jew aħjar, l-Isla kienet saret ħajti. Kont għal qalbi u kuntent." Dun Pawl ġie mogħti l-pussess bħala Kappillan fil-parroċċa ta' Ħal Kirkop nhar l-20 ta' Jannar 1981.

Iżda l-firda ta' Dun Pawl minn mal-Isla ma kelliex ittul. Ftit inqas minn sena u nofs wara, huwa temm il-parrokat tiegħu f'Ħal Kirkop u reġa' lura lejn l-Isla. Nhar it-30 ta' Awwissu 1981, meta l-parroċċa tal-Isla kienet qed tfakkar l-400 sena mit-twaqqif tagħha, huwa ġie mogħti l-pussess bħala Kanonku tal-Kolleġġjata flimkien ma' Dun Anton Gouder u Dun Angelo Vella. Ħames snin wara, fl-1986, huwa ġie appuntat segretarju tal-Kapitlu u fl-1994 nħatar Kanonku Teżorier tal-istess Kapitlu. B'hekk kompliet tiġi ssiġillata r-rabta ta' Dun Pawl Schembri mal-Isla.

Nistgħu ngħidu li Dun Pawl – kif dejjem sajjaħnilu b'affett - sakemm saħħtu kienet tippermettilu, ħadem kemm felaħ b'risq il-komunità Nisranija li tgħix fl-Isla. U dan huwa għamlu f'kollaborazzjoni sħiħa u b'disponibiltà kbir lejn il-ħames Arċiprieti – Sladden, Cachia, Grech, Scicluna u Camilleri – li kellha l-parroċċa tul dawn it-43 sena ta' saċerdozju li għex Dun Pawl. Kull filgħaxija kont issibu jew fl-Uffiċċji Parrokkjali, lest biex jgħin lil kull min jirrokorri hemm għal xi ħtieġa, jew fis-sagrestija dejjem imħejji biex iwassal il-maħfra u jserraħ il-qlub fis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. U hawn tajjeb wieħed ma jinsiex li Dun Pawl kien anke jagħti s-servizz tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fil-parroċċa tas-Siġġiewi.

F'dawn l-aħħar xhur, huwa nħakem mill-mard u lkoll ħassejna n-nuqqas tal-preżenza tiegħu. Qassis skont il-qalb ta' Alla, umli u ferrieħi, prattiku u spiritwali, maħbub l-ewwel u mibki issa, fil-għodwa tal-Ġimgħa, 17 ta' Lulju 2015, Dun Pawl ittajjar għal ħdan il-ħallieq meta kien jgħodd 74 sena. Filwaqt li hu jieħu l-ħlas fil-Ġenna mħejjija għal dawk li wettqu dmirhom għall-ġid tal-erwieħ, ismu jibqa' fostna msemmi u mbierek.

***Dun Pawl (quddiem) flimkien ma' sħabu u ma' Dun Ġużepp Mifsud Bonnici, waqt l-irtir ta' qabel l-ordinazzjoni saċerdotali li kien sar f'Mount St. Joseph f'Marzu 1972***

